MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2006

Appell Civili - Ghawdex Numru. 102/2005/1

**Carmelo *sive* Charlie Galea**

**vs**

**Rosina Cardona**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell minn digriet moghti fil-31 ta' Jannar 2006 mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar li permezz tieghu cahad it-talba ta' l-attur ghar-rikuza tal-Gudikatur sedenti. Il-motiv dedott b' aggravju mill-attur hu dak li l-Gudikatur huwa parti civile direttament interessat fil-kaz "Il-Pulizija -vs- Carmelo *sive* Charlie Galea" li ghadu pendenti;

Hu provvdut mill-Artikolu 5 tal-Kapitolu 380 illi d-disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li ghandhom x' jaqsmu ma' l-astensjonijiet minn, u r-rikuzi ta`, magistrati … japplikaw ghal gudikaturi. Skond l-

Artikolu 740 tal-Kapitolu 12 hu statwit li "d-disposizzjonijiet ta' dan is-sub-titolu ("<u>Fuq ir-Rikuza ta' Mhallfin u Magistrati u fuq is-Surroga</u>") jghoddu ghall-magistrati tal-qrati nferjuri";

Mid-disposizzjonijiet varji tal-precitat sub-titolu jigi mmedjatament notat illi "meta l-qorti hi kostitwita minn imhallef wiehed u kontra dan l-imhallef tigi moghtija l-eccezzjoni ta' rikuza, ghandu jiddeciedi huwa nnifsu fuq ir-ragunijiet ta' l-eccezzjoni, u <u>kontra din id-decizjoni ma jinghatax appell</u> (sottolinejar tal-Qorti), u, jew jastjeni ruhu u jiddigrieta li hemm lok ghas-surroga ta' mhallef iehor, inkella jissokta jisma' l-kawza, skond kif ikun iddecieda." [Artikolu 738 (1), Kapitolu 12];

Issa mill-verbal tal-31 ta' Jannar 2006 quddiem it-Tribunal l-attur permezz tar-rapprezentant legali tieghu talab il-permess li jappella minn dan id-digriet. Talba din li giet milqugha b' digriet iehor ta' l-istess jum. Huwa intwittiv pero` mid-dettam ta' l-Artikolu 738 (1) appena riportat illi d-digriet moghti tac-cahda tar-rikuza kien inappellabbli u allura dak id-digriet kellu jigi deciz inappellabilment mill-istess Gudikatur rikuzat. Ara **Kollez. Vol. XXXIII P IV p 574**. Ghalkemm dan ma sarx hekk f' dan il-kaz, u mill-konvenut appellat lanqas ma giet sollevata ebda eccezzjoni f' dan is-sens, din il-Qorti ghandha mhux biss id-dritt imma d-dover li tissolleva hi stess *ex officio* il-pregudizzjali ta' l-inappllabilita` tad-digriet li minnu sar l-appell ghax dan hu principju ta' ordni pubbliku u din il-Qorti ma tistax tassumi gurisdizzjoni li ma ghandhiex. Ara **Kollez. Vol. XXX P I p 936** u **Vol. XXXIX P I p 461**;

Wiehed jifhem illi n-nuqqas ta' appellabilita` tal-provvediment moghti hu dovut ghall-fatt li dan hu priv minn portata decizorja fuq il-qaghda tad-dritt soggettiv in kwantu hu dirett esklussivament, in via ordinatorja, ghall-ezitu ta' provediment incidentali, sostanzjalment amministrattiv. Wiehed jifhem ukoll illi t-tutela lill-parti

tibqa’ garantita minn aggravji kontra s-sentenza finali, fejn tista’ dejjem titqajjem l-inkompatibilita` tal-gudikant rikuzat;

Affermat dan, hi l-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti illi skond l-aspirazzjoni u l-ispirazzjoni tal-ligijiet moderni, akkoppjat mal-principju kostituzzjonali u konvenzjonali, timmerita konsiderazzjoni *de lege ferenda* ir-ricerka ta’ soluzzjoni aktar xierqa minn dak ta’ l-artikolu tal-ligi citat. Jekk xejn, biex il-gustizzja mhux biss issir imma anke li jkun jidher manifest li gustizzja qeghda ssir. Tradott fil-konkret, il-Qorti thoss li anke f’ kaz ta’ digriet bhal dan ghandu jinghata lill-parti, li ssollevat l-eccezzjoni jew it-talba, id-dritt ta’ l-appell minnu *in via diretta*;

Intqal drabi ohra illi “certament fost id-dmirijiet spiss mhux pjacevoli ta’ kwalunkwe Imhallef hemm dak li kultant ikollu jiddeciedi li jibqa’ f’ kawza meta wahda mill-partijiet tkun irrikuzatu. Huwa japprezza d-delikatezza u l-importanza ta’ l-eccezzjoni sollevata kontra tieghu f’ dan il-kaz, ghax kwestjonijiet bhal dawn huma intimament marbuta mal-bazi stess ta’ l-amministrazzjoni tal-gustizzja, l-imparzjalita` manifestata.” (“**John M. Mizzi *nomine* -vs- Frederick Muscat *nomine***”, Prim’ Awla, 12 ta’ Novembru 1970, per Imhallef Maurice Caruana Curran);

Eppure, imbaghad, filwaqt li dan hu hekk rikonoxxut, din l-istess sentenza, u decizjonijiet ohra fuq il-punt dibattut, jikkonfinaw ruhhom fil-parametri stretti tal-ligi u tal-motivi ta’ rikuzazzjoni tassattivament elenkati fl-Artikolu 734 tal-Kapitolu 12. Naturalment ma kienetx tonqos xi vuci solitarja li tirrikjama l-attenzjoni ghall-fatt illi, anke jekk il-motivi huma tassattivi, “l-interpretazzjoni taghhom ma ghandhiex tkun tali li thalli dubju fil-fiducja (ta’ l-akkuzat f’ dan il-kaz) dwar id-dirtt tieghu li jkollu ‘*a fair trial*’ u li ghalhekk, fid-dubju, l-Imhallef ghandu jakkolji l-eccezzjoni ta’ rikuzazzjoni” (**Kollez. Vol. XXXII P IV p 601**);

Aktar vicin taghna hija s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-28 ta’ April 2000 in re: “**Avukat Dottor Irene Bonello -vs- Onor. Prim Ministru *et***”. Fiha giet ribadita s-segwenti enuncjazzjoni rakkolta minn decizjonijiet ohra qabilha:-

“Din il-Qorti tara pero` li l-kwestjoni rimessa lilha trid tigi deciza fuq livell oghla minn dak tas-semplici dritt ordinarju. Fi kliem iehor anke jekk skond id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 12 ma hemmx lok ta’ rikuza - anzi jista’ jkun hemm addirittura divjet ta’ astensjoni - tista’ tinholoq sitwazzjoni li tikkuntrasta mad-drittijiet fondamentali u kostituzzjonali ta’ l-individwu”;

Fermi dawn il-konsiderazzjonijiet kollha u li saru bi skop ta’ gwida u ta’ gustizzja f’ kaz li l-appellanti jiddeciedi ‘l quddiem li jressaq rikors ghar-revoka *contrario imperio* tad-digriet emanat, dejjem ukoll fl-ambitu motivazzjonali tas-subinciz (g) ta’ l-Artikolu 734 (1) tal-Kapitolu 12 - materja din li, se mai, titkompeti lit-Tribunal adit li jitrattata u jiddefiniha - din il-Qorti hi, *nolens volens*, marbuta li tapplika l-ligi kif issibha. F’ dan il-kaz id-dispost ta’ l-Artikolu 738 (1) tal-Kapitolu 12.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti *ex officio* tiddikjara l-appell devolut lilha bhala irritu u null u bhala tali tirrespingih, bl-ispejjez kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------